MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KEVIN MOMPALAO

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 10/2013

Mobisle Communications Limited
Vs
George Martin Catterall

It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-kumpanija attrici talbet illi l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' hames mija u hamsa u tletin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€535.24) import ta' servizzi ta' telefonija cellulari fi tlett kontijiet differenti. Dan bl-ispejjez kollha inkluzi ta' l-ittra ufficjali tal-hmistax (15) ta' Frar tas-sena elfejn u hdax (2011) (494/11).

Ra illi l-konvenut gie notifikat b'dan l-avviz permezz tal-procedura tal-publikazzjoni u affissjoni. Dan kif jirrizulta mir-riferti tal-Marixxal, a folio tergo wiehed u ghoxrin (20) tal-process u mill-publikazzjonijiet a folio tnejn u ghoxrin (22) u sebgha u ghoxrin (27) tal-process.

Ra illi fis-seduta ta' wara tali notifika cioe' fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Gunju tas-sena elfejn u ttlettax (2013) u f'dik tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) il-konvenut ma deherx.

Ra u sema' l-provi mressqa u ra d-dokumenti esebiti.

Ra d-digriet tieghu tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) li permezz tieghu din il-kawza giet diferita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkonsidra

Illi l-konvenut naqas milli jikkontesta din it-talba. Fil-fatt huwa la prezenta risposta fiz-zmien li trid il-ligi u lanqas qatt deher quddiem it-tribunal sabiex jikkontesta t-talba. In-notifika tal-konvenut saret permezz tal-publikazzjoni u ta' l-affissjoni. L-estratt ta' dan l-avviz gie ippublikat fil-gazzetta tal-gvern kif ukoll fil-gurnal 'The Times'. Saret ukoll l-affissjoni kif titlob il-ligi.

Illi fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) it-Tribunal sema' lir-rapprezentant tal-kumpanija attrici jikkonferma illi sa dik id-data l-kreditu intier kien ghadu dovut. Il-kreditu dovut huwa spejgat ukoll fir-rendikont esebit.

Illi t-Tribunal jidhirlu illi kemm fin-nuqqas ta' oppozizzjoni kif ukoll fil-kumpless tal-fatti u provi kif prodotti quddiemu, t-talba attrici tidher wahda gustifikata u timmerita li tigi akkolta.

Wara li ra ukoll l-atikolu 13B tal-Kap 380.

Jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-talbiet attrici, jikkundanna lill-konvenut George Martin Catterall sabiex ihallas lill-kumpanija attrici s-somma ta' hames mija u hamsa u tletin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€535.24); bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz il-quddiem. Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-hmistax (15) ta' Frar tas-sena elfejn u hdax (2011) a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------